**Magistrat**
**Dottor Conseulo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur John Sacco**
**Spettur Mario Bonello**
**V**

**CARMEL VELLA**

**Illum 28 ta' Frar, 2002**

**Il-Qorti,**

Rat lil **CARMEL VELLA** ta' tlieta w ghoxrin sena, bin Calcidon u Mary nee Muscat, imwieled Pieta nhar t-tletin ta' Gunju, 1976 u joqghod 'Arvi Court', 5, Triq Wied l-Gollieqa, Kappara, detentur ta’ karta tal-identita` numru 377776(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli b'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe:

1. talli f'San Giljan fid-disgha ta' Mejju, 2000 ghall-habta tas-sitta w nofs ta' filghodu, bil-hsieb li jikkommetti serq fuq il-persuna ta' Carmelo Micallef mir-Rabat, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' edan id-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu u li kieku sehh kien ikun kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur u ghad-dannu ta' l-istess Carmelo Micallef u persuni ohra;

2. talli fil-Marsa fis-sbatax ta' Mejju, 2000 ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija kkommetta serq ta' bagalja b'kontenut ta' flus, cekkijiet, credit cards u dokumenti ohra minn fuq il-persuna ta' Steve Holland minn Tas Sliema liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur u bil-lok u li sar ghad-dannu tal-istess Steve Holland u persuni ohra;

3. talli fin-Naxxar fis-sitta ta' Gunju, 2000 ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar ikkommetta serq ta' flus u

cekkijiet minn Alfons Farrugia & Sons Limited liema serq huwa kkalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur u bil-lok u li sar ghad-dannu tal-istess Alfons Farrugia & Sons Limited;

4. talli minn San Giljan fis-sbatax ta' Mejju, 2000 ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar kkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Peugeot 205 ta' kulur abjad bin-numru ta' registrazzjoni mhux maghruf liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' persuna mhux maghrufa;

5. talli minn San Giljan fis-sittax ta' Mejju, 2000 ghall-habta tal-hdax ta' filghaxija kkommetta serq ta' pjanca (number plate) minn fuq vettura Landrover ta' kulur hdar bin numru ta' registrazzjoni mhux maghruf u liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' persuna mhux maghrufa;

6. talli f'dawn il-Gzejjer f'dawn l-ahhar tnax il-xahar, xjentement laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif wkoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun indahal biex jbieghhom jew imexxihom;

7. talli f'dawn l-ahhar tnax il-xahar f'dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu u garr arma tan-nar u munizzjoni, minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

8. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi waqt li gie fil-pussess tal-imsemmija arma tan-nar u munizzjon, ma tax avviz immedjat lil Kummissarju tal-Pulizija;

9. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bla ordni skond l-ligi ta' awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom l-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuni kontra l-volunta taghhom u dan bil-hsieb ta' estrozjoni ta' flus jew hwejjeg

ohra jew biex igieghel persuni ohra jaccettaw li jghamlu trasferiment ta' hwejjighom.

Il-Qorti giet mitluba sabiex meta taghti s-sentenza jew f'kull ordni iehor wara, tikkundanna lil imputat ghal hlas lir-Registratur tal-ispejjes kollha jew ta' parti mill-ispejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali datati tnax (12) ta' Novembru, 2001 sabiex din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita tiddeciedi fuq il-htija jew htijiet o meno tal-imputat.

Rat l-verbal tas-7 ta' Dicembru, 2001 fejn l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kawza tieghu tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bhala kawza sommmarja.

Semghet d-diversi xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fis-seduta tad-disgha w ghoxrin (29) ta' Awissu, 2001 kif jirrizulta mill-fol 297 tal-process, ghall-akkuzi kollha addebitati lilu u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandix triq ohra salv li ssib l-istess imputat hati tal-akkuzi addebitati lilu.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` 18, 41 (1) (a), 86, 87, 261 (a) (b) (c) (e) (g) (f), 262, 263, 267, 269, 270, 271, 275, 276, 277, 278, 279, 334 tal-Kodici Kriminali u l-artikoli 2, 3, 19 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-**piena** l-Qorti ezaminat il-fedina penali tal-imputat esebita a fol 6 tal-atti u minn ezami akkurat taghha jirrizulta illi l-imputat kien *a first time offender*, ta' kondotta indelibbli, u ta' eta` relattivament zghira fil-mument tal-kummissjoni tal-allegati reati.

Fuq talba tal-Avukat Difensur kif registrata fis-seduta tad-disgha w ghoxrin ta' Awissu, 2001 il-Qorti kienet innominat il-Probation Officer Miriam Falzon Sevasta sabiex thejji *pre-sentencing*

*inquiry report* dwar l-imputat u fis-sebgha ta' Dicembru, 2001 l-istess Probation Officer ippresentat ir-rapport taghha.

Minn esami ta' dan ir-rapport irrizulta illi l-imputat iddispjacih talli ghamel u jidher li dan id-dispjacir huwa sincier. L-imputat ma fetah l-ebda kaz gdid mill-gurnata meta tressaq il-Qorti akkuzat b'akkuzi odjerni u l-perjodu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv kien ta' taghlima ghalih u gharaf jisfrutta c-cans moghti lilu ghar-riforma.

Illi l-Qorti thoss li f'din is-sitwazzjoni piena ta' prigunerija effettiva mhix ser isservi l-ebda skop u ma hi ta' interess la tal-imputat u wisq inqas tas-socjeta` in generali li taghha huwa membru ghaliex f'dan il-kaz il-Qorti thoss li sentenza ta' prigunerija effettiva tista' tkun aktar ta' detriment milli ta' gid ghalih.

Il-Qorti rat ukoll l-istqarrija rilaxxata mill-imputat nhar s-sitta ta' Gunju, 2000 mmarkata bhala dokument JS 1 esebita a fol 63 tal-atti u minn ezami akkurat taghha jirrizulta li l-imputat ikkolabora mal-Pulizija u ta' diversi dettalji ta' kif wettaq ir-reati in kwistjoni, liema

stqarrija fil-fatt ghenet il-Prosekuzzjoni ssolvi dawn ir-reati fi zmien qasir minn meta effettivament gew kommessi.

Illi dawn il-fatturi kollha imsemmija aktar il-fuq, huma fatturi mitiganti li l-Qorti ser tikkonsidra meta tigi biex tapplika l-piena idoneja.

**Il-Qorti qieghda, wara li tiddikjara li ssib l-imputat CARMEL VELLA hati tal-akkuzi kollha kif addebitati kontra tieghu, tikkundannah piena karcerarja ta' sentejn sospizi ghall-erbgha snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan taht il-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din s-sentenza sospiza.**

**Qieghda ukoll tpoggi lill-imputat taht is-supervizjoni tal-Probation Officer Marietta Lanzon ghall-perjodu ta' tlett snin mill-llum taht il-kundizzjonijiet segwenti:**

**1. L-imputat probationer ghandu jzomm ruhu in kuntatt mal-Probation Officer fuq imsemmija b'mod regolari tul il-perjodu ta' tlett snin kollu.**

**2. Li l-imputat probationer ghandu jobdi l-ordnijiet moghtija lilu f'kull hin mill-Probation Officer u fin-nuqqas il-Qorti tesigi li tkun infurmata.**

**3. Il-Probation Officer ghandha tressaq lill-imputat probationer darba kull sitt xhur lill-Qorti sabiex tinforma lill-istess Qorti dwar l-andament tieghu .**

**Il-Qorti spjegat it-tifsira u l-import ta' din is-sentenza lil imputat probationer u x'jigri f'kaz li l-imputat jonqos li josservha.**

**Il-Qorti tordna li l-oggetti esebiti mill-Brigadier Maurice Calleja kif indikati fir-relazzjoni tieghu a fol 34 tal-atti jigu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni li tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes involuti fil-hatra ta' esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti rat s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha w ghoxrin ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Trevor Farrugia u in linea mal-istess, peress li l-ispejjes tal-esperti gew inkorsi fl-istadju tal-inkjesta u mhux tul il-kumpilazzjoni, tichad t-talba tal-Prosekuzzjoni.**

**Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lill-Probation Officer Marietta Lanzon.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**